**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru mija u ħdax (111) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 11 ta' Diċembru, 2012, fis-6:40pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Il-laqgħa nżammet illum u mhux ġimgħa ilu, wara li s-sindku ċċirkula *e-mail* li nhar l-4 ta' Diċembru 2012, ma setgħax jattendi. Intant għall-bidu ta' din il-laqgħa hu wkoll ma setgħax jattendi u ta d-delega lid-deputat sindku biex jiftaħ il-laqgħa hu.

2. Din il-laqgħa bdiet billi ingħata spazju biex jitkellem is-Sur Toni Cassar li hu Mqabbi u għandu *garage* fi Triq tat-Torba, L-Imqabba. Skond is-Sur Cassar l-għeluq b'*fence* li marru jagħmlu l-ħaddiema tal-KLM f'din l-istess triq, hu kontra l-liġi għaliex hu qed isostni li dan suppost ġie mibni b'7 jew 8 filati ħajt bil-kantun, peress li hemm sidien oħra li tellgħu dan il-ħajt bl-istess mod, u mhux b'*fence*. Is-SE qal li hu għadda l-ilment tas-Sur Cassar b'mod formali filwaqt li qal li lanqas kien jaf li l-ħaddiema kienu qed jaħdmu f'din it-triq. Fil-fatt sar jaf meta ġie s-Sur Cassar fl-uffiċċju tiegħu jilmenta. F'din il-laqgħa kien stabbilit illi lanqas il-kunsillieri preżenti ma kienu jafu bih u talbuh sabiex jiddiskutu dan is-suġġett mas-sindku kif jigi għal din il-laqgħa. Intant is-SE intalab mill-kunsillieri biex japplika mal-*MEPA* biex 'il min tellajnielhu ċint jew *fence* mal-plot tiegħu minħabba nuqqas ta' għarfien tas-sid, iħallas tax-xogħol hekk kif japplika hu għal permess tal-bini u għalhekk ikun identifikat il-plot. Id-deputat sindku talab lis-Sur Cassar jgħidilna ta' min hija l-*plot* ġaladarba hu kien jaf u qed jgħid illi se jibqa' jeskala l-każ.

3. Intant il-KLM beda l-laqgħa tiegħu (fis-6:53pm) taħt il-presidenza tad-Deputat Sindku Charles Farrugia u l-minuti sarulhom il-korrezzjonijiet li dehrilhom xierqa l-kunsillieri, dawn ġew approvati u ffirmati.

4. PUNTI MILL-MINUTI
5. Nicholas Briffa tkellem dwar l-offerta pubblika li ħareġ il-KLM biex isir gandott għall-ilma tax-xita fi Triq il-Qattara. Hu rrefera għal dan il-gandott li ma sarx minn *Asfaltar Ltd* għas-somma ta' €10,000 u qal li jekk l-orħos offerta tkun ta' aktar minn hekk, hu se joġġezzjona illi jsir ix-xogħol għaliex l-ilma tax-xita xorta sar jaqleb għan-naħa l-oħra tat-triq. Il-kunsillieri preżenti ma qablux għaliex dan joħloq problema xi mkien iehor. Nicholas Briffa temm jgħid illi ġaladarba kien ippjanat *culvert* aktar 'il fuq u dan ma sarx, b'riferenza għal dak propost fi Triq San Mikiel, hu jkompli jsostni li *water culverts* isiru fejn 'għandhom isiru'. Għaldaqstant, kien deċiż illi nistennew u naraw meta se tagħlaq din l-offerta.

6. Dwar il-komunikazzjoni li saret ma' *Heritage Malta* mill-uffiċċju, is-SE qal li s-*CEO*, is-Sur Joe Scerri bagħat jgħidilna li dawn qed jieħdu passi biex jaċċertaw irwiehom li l-Katakombi tal-Mentna hu tajjeb biex jinżel fih il-pubbliku wara li jkun dikontaminat mid-drenaġġ li skula fih.

7. Reġa' ssemma s-suġġeriment li sar minn dan l-uffiċċju biex jinqalgħu filati minn fuq ħajt li jinsab fil-kantuniera fi Triq is-Siġġiewi biex il-karozzi li jkunu ħerġin, jaraw lil xulxin fil-

kantuniera ma' Triq tas-Sejba. Dwar dan, is-SE qal li jidher li għad m'hemmx l-approvazzjoni tas-sidien tal-għalqa u għalhekk dan kellna nipposponuh.

8. Nicholas Briffa qal li mhux se jkun *out of order* billi jsemmi x-xogħol li hemm bżonn isir fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti bil-kisi mill-ġdid tat-triq madwar ir-*roundabout.* Id-deputat sindku qal li hu kiteb lil *Transport Malta* u għadhom ma qatgħulhux qalbu li dan ix-xogħol fi triq arterja jsir minnhom.

9. Ġiet inawgurata l-*web site* il-ġdida esklussivament għall-*Heritage Trail* imfassla għall-Miżura 313 biex tippromwovi s-siti storiċi u ta' wirt kulturali. Is-SE qal li din issa wieħed jista' jilloggja fuqha www.heritagemqabba.com.mt u saħansitra jista' jibbukkja l-mawra tiegħu minn fuqha. Ovvjament għad fadal il-problemi biex il-viżitatur jidħol f'siti amministrati minn entitatjiet oħra, bħal dawk tal-Knisja, Din l-Art Ħelwa jew *Heritage Malta*. Fil-jiem li ġejjin se jkun qed isir taħriġ biex din tiġi aġġornata għand l-uffiċċji ta' *Hive Ltd*.

10. Fis-7:05 minuti daħal Noel Galea.

11. Peress li kien għadu preżenti is-Sur Toni Cassar, dan reġa' ingħata d-dritta li jitkellem. Infatti hu talab lis-sindku jgħidlu min irrapporta li hemm il-ħmieġ f'din iż-żona. Noel Galea qallu li kienu r-residenti stess li rrappurtawlu b'mod anonimu. Toni Cassar qal li dawn huma stess waddbu fis-sit ħafna mill-iskart tal-kostruzzjoni u hu mhux lest li jgħid ta' min hija l-*plot* għaliex qal li l-KLM jaf biżżejjed ta' min hi. Toni Cassar allega wkoll li l-KLM m'għamilx l-almu tiegħu biex ifittex lis-sidien bħalma mhux veru informa '1 *MEPA* bl-għeluq ta' dan is-sit biex fl-eventwalità li din tinbena jieħu refużjoni lura tal-ispejjeż li jkun għamel. Is-sindku qal li hu għalaq l-ilment formalment għaliex kien qed ikun hemm il-ħmieġ fil-plot u l-KLM bilfors ried jaġixxi quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn. Toni Cassar telaq fis-7:15pm. Noel Galea talab lis-Sur Cassar aktar minn darba sabiex jgħid ta' min hija l-plot, la darba qal li jaf, iżda s-Sur Cassar baqa' jirrifjuta. Is-sindku kompla li bħalma għamilna f'toroq oħra, aħna fid-dmir li nipprevjenu li jiġi akkumulat ħmieġ u skart goff. Is-sindku wera l-preokkupazzjoni tiegħu, kif għal snin twal li ilha l-plot miftuħa bil-ħmieġ jakkumula, qatt ma dejjaq lis-Sur Cassar, u għax issa l-KLM ħa azzjoni effettiva biex jitwaqqaf l-abbuż, is-Sur Cassar dak hu li għandu joġġezzjona. Fuq proposta tal-viċi sindku ser jeħel avviż mal-*fence* ukoll.

12. Dwar dak li kien għadu kemm ġie diskuss fuq il-*culvert*, Noel Galea qal li għall-ammont tal-ilma li jaqleb fi Triq id-9 ta' April, li bilfors imur Triq il-Qattara, jinħtieġ li jsir dan ix-xogħol ta' kostruzzjoni, li wkoll jinkludi t-tqegħid ta' katusa tal-pied. Din trid tkun 'l isfel għaliex jekk ma jkolliex ħafna piż fuqha, l-ilma jaqlagħha minn fejn hi. Is-SE qal li s-servizzi tad-djar (ilma u drenaġġ) itellfu għaliex din mhix xi *wire* tad-dawl li jista' jinżel u jitla' peress li l-qlib hu determinanti biex l-ilma jitwassal sal-ispralli li hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija *(service road).*

13. Noel Galea qal li hu mar jara rigal għand *Timeless Jewellers* u l-KLM se jkun qed jagħti arloġġ lill-Kappillan il-ġdid Dun George Spiteri li jiswa' €105 u informa lil tal-ħanut biex tibgħat il-kont l-uffiċċju tal-kunsill.

14. Dwar l-attività li fiha ingħata Ġieħ l-Imqabba, is-sindku qal li din inżammet nhar l-24 ta' Novembru 2012, u bħala attendenza kienet ukoll waħda tajba ferm.

15. Dwar il-proposta magħmula mill-Awtorità tad-Djar, is-sindku tkellem mas-*CEO*, is-Sur Buttigieg u dan issuġġerixxa li tal-inqas il-KLM għandu jikteb lir-residenti tal-appartamenti, u mhux jieħu deċiżjoni arbitrarja bħalma ħa, għaliex f'lokalitajiet oħra dawn aċċettaw li jiffurmaw kumitat. Dan għaliex tista' tiġri l-kelma li l-KLM rrifjuta l-iskema u l-awtorità għadditilna l-fondi xorta. B'din il-proposta l-KLM jiġi l-entità li tkun qed tieħu ħsieb il-komunikazzjoni u jkun hemm fuqna l-obbligu li noħorġu t-*tender* għax-xogħol ta' manutenzjoni fil-komun ta'

dawn l-appartamenti. Is-sindku qal li l-awtorità xorta se tkun *overseer* fuq it-*tender* tal-manutenzjoni. Nicholas Briffa qal li b'hekk se nidħlu bejn il-basla u qoxritha u dan hu *burden* fuq l-amministrazzjoni biex joħorġu t-*tenders*. Għaldaqstant se nitolbu lir-residenti sabiex naraw jekk dawn iridux jiffurmaw kumitat biex jieħdu ħsieb il-parti komuni. Is-sindku qal li l-kunsill m'hu se jiggwadanja xejn u biex dan jirnexxi, ir-residenti jridu jiffurmaw assoċjazzjoni.

16. Grace Marie Mallia daħlet fis-7:25pm.

17. Għat-talba tal-kunsillieri lis-SE dwar kif sejra Kylie Anthea Fenech, hu qal li din qed tattendi għas-sezzjonijiet ta' taħriġ biex tkun tista' tieħu l-librerija f'idejha filwaqt li kien hemm osservazzjoni li mhix twieġeb it-telefon tajjeb.

18. Għall-osservanza tal-kunsillieri biex toktor is-sigurtà viċin il-*ground* tal-*football*, is-sindku qal li *B Grima & Sons* kellhom jagħtuh stima biex isiru l-*cats' eyes* viċin iz-*zebra crossing* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju.

19. Is-SE ingħata l-approvazzjoni ta' biex jinħarġu b'kemm jiswew €75, sabiex jikkonferma s-servizz tal-animazzjoni għall-*party* tal-Milied tas-Sur Pierre Mifsud. Is-SE qal li dan kien it-tieni wieħed li sab minn fuq il-*yellow pages* wara li l-ewwel wieħed li ċempel ma rrispondihx. Is-servizz se jingħata nhar is-Sibt, 22 ta' Diċembru, 2012 fl-10:00am fl-Iskola Primarja. Għal dan il-*party* is-sindku rrakkomanda lill-kunsillieri sabiex jippruvaw isibu *sponsor* fid-dawl tal-fatt li l-*community & hospitality vote* ibbaġitjat għal din is-sena inqabeż. Dan sabiex jagħmel tajjeb għall-ġugarelli (skond l-etajiet) u għall-ikel li se jkun ġentilment offruti b'xejn lit-tfal.

20. Is-sindku qal illi minkejja li ma rċevejna l-ebda invit formali ġie nfurmat bil-fomm li s-Soċjetà Santa Marija se tkun qed ittella' presepju ħaj fi Triq Ħal Kirkop bejn il-21 u t-28 ta' Diċembru 2012. Hu stieden lill-kunsillieri biex ikunu preżenti għall-ftuħ ta' dan il-presepju ħaj, filwaqt li Nicholas Briffa qal li hu irċieva invit formali.

21. Il-kunsillieri tkellmu wkoll dwar l-elezzjoni li kienet imħabbra mill-Prim Ministru li se tinżamm nhar id-9 ta' Marzu, 2012. Din se timmarka tmiem l-itwal leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, wara ħames snin.

*22.* Il-KLM se jkun qed jagħti *token* lis-Soċjetà tal-*MUSEUM* tas-subien għax dawn għalqu tmenin sena mit-twaqqif tal-*MUSEUM* fl-Imqabba. Għaldaqstant se nistednuhom fil-laqgħa tal-KLM li jmiss, jiġifieri nhar it-8 ta' Jannar, 2013, wara li hu ttamat li dak in-nhar jinfetħu l-offerti indikati aktar 'il fuq tal-*istorm water culvert.*

23. Kien deċiż ukoll li jsir *party* għall-għaqdiet tar-raħal fl-Isptar il-Qadim, li fih se jkunu mistiedna wkoll il-presidenti u s-segretarji tas-sezzjonijiet taż-żgħażagħ tal-każini tal-banda fost l-oħrajn. Dan se jinżamm l-għada tal-Milied. Id-deputat sindku għandu jieħu ħsieb l-ikel hu, filwaqt li l-KLM se joħroġ il-flus għad-*drinks.*

24. Dwar id-diffikultajiet li kien hemm lejlet il-Festa tal-Kunċizzjoni, is-sindku qal li sar jaf li d-dekorazzjonijiet tal-Milied fit-toroq ma xegħlux għaliex weħel il-*breaker*. Dan m'għandux jitqies bħala xi ħaġa kbira meta kulħadd jaf li tħassar kunċert ta' Jum l-Imqabba għaliex waqa' *breaker* fl-Iskola Primarja u ħadd ma sab tarfu.

25. Is-sindku ġab diversi kotba u *CD*s li qal li ingħatawlu minħabba proġett li għamlu t-tfal Imqabbin li jattendu l-Iskola ta' Ħal Tarxien. Hu sostna li dan kien frott ta' proġett li wettqu b'sodisfazzjon b'risq ir-raħal tal-Imqabba.

26. Is-SE kien awtorizzat jonfoq fi €30 kotba biex jingħataw f'Jum il-Premjazzjoni li se ssir fl-Iskola Primarja tal-Imqabba nhar it-18 ta' Diċembru, 2012. Is-sindku talbu jikkonfermalu mal-Kap tal-Iskola li se jattendi biex jagħti dawn il-preżentazzjonijiet.

27. Il-kunsillieri qablu li għandu jkun trasferit mija u ħamsin siegħa *vacation leave* tas-SE minn din is-sena għal dik ta' warajha. It-talba akkumpanjata minn dawn il-minuti għandha ssir formalment lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fil-ġranet li ġejjin u mhux aktar tard mit-18 ta' Diċembru, 2012.

28. Is-sindku qara l-ittra li bagħat is-Segretarju tal-Każin tal-Ġilju lis-SE fejn dawn qed iħossuhom li inħoloq preċedent u diskriminazzjoni kontra tagħhom meta s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorg V tħalla jpoġġi arbuxxelli fi qsari quddiem iz-zuntier tal-Knisja. F'din l-istess ittra qalu illi hemm toqba tal-arbli tal-festa fi Triq il-Madonna tal-Ġilju kantuniera mal-Pjazza tal-Knisja li għandha bżonn li ssir manutenzjoni fuqha mill-każin ta' Santa Marija għaliex ilha mkissra minn dak in-nhar li kienu armati fil-pjazza l-antarjoli. Kien hemm suġġeriment tas-sindku li l-kunsillieri l-oħra qablu miegħu, illi niktbulhom li huma qatt m'għamlu t-talba sabiex ipoġġu qsari fil-pjazza, filwaqt li għandna nispeċifikawlhom li dawn huma qsari u jistgħu jiċċaqilqu, kuntrarju għas-siġar li kien hemm u li kienu mxettlin fl-art u li rreferew għalihom fl-ittra tagħhom bħala li kellhom jinqalgħu. Infatti se nkunu qed ngħidulhom sabiex jekk jixtiequ, għandhom ikomplu fuq l-eżempju tas-Soċjetà Santa Marija u jagħmlu aktar qsari huma, imbasta ma jokkupawx spazju tal-parkeġġi jew jostokolaw il-bankini.

29. Charles Farrugia telaq fit-8:00pm.

30. Nicholas Briffa qal li qed jipparkjaw ħafna vetturi fuq ir-*reserved parking bays* tal-*handicapped* fil-Pjazza tal-Knisja. Is-sindku qal li dawn huma l-istess erbgħa minn nies li meta bdew jiġu l-gwardjani lokali tal-*Guard & Warden* kienu ħaduha bi kbira li ma ħallewhomx jipparkjaw hemm. Issa li jidher li l-entużjażmu ta' dawn il-gwardjani qed imajna, qed jikber l-abbuż. Intant Nicholas Briffa ippropona li ssir *reserved parking bay* oħra għad-diżabbli viċin iż-żebbuġa viċin l-uffiċċju tal-kappillan.

31. Se ssir talba oħra lil *Transport Malta* sabiex tersaq ftit is-*sleeping policeman* li nqalgħet minn Triq Ħal Kirkop wara li din kienet miksija bit-*tarmac* filwaqt li se ssir talba oħra sabiex issir ir-raba' waħda fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, minkejja li minn din it-triq issa qed jgħaddi wkoll it-trasport pubbliku.

32. Grace Marie Mallia qalet li fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti propju fejn il-mekkanik qed isir ħafna ipparkjar ta' vetturi tqal. Is-sindku qal li sakemm dawn ikollhom il-liċenzja mħallsa, dawn jistgħu ikunu pparkjati hemm filwaqt li dwar in-nuqqas ta' nfurzar, bħalma ssemma li qed jiġri fil-Pjazza tal-Knisja, jgħodd ukoll għal Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Anzi dan hu speċjalment aktar gravi minħabba ħmieġ minn taqtir biż-żejt. Il-Pulizija u l-Gwardjani Lokali huma dawk li jistgħu jgħinu f'dan l-aspett. Intant Nicholas Briffa qal li jidher li aħna qed nibżgħu li nagħmlu il-*yellow line* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-sindku qal li se jqabbad lil Chantal Stagno Navarra li taħdem fl-uffiċċju tal-Perit Bezzina, sabiex tagħmel ir-*road markings* kollha li hemm bżonn fil-Pjazza inkluż iż-*zebra crossings*.

33. Paul Spiteri telaq fit-8:30pm.

34. Kienet apporvata l-*Payment Approval Sheet* numru 453 minbarra dawk l-items fejn Pierre Mifsud l-istess *animator* li kien propost biex jieħu sehem fil-*Party* tat-tfal, kien ippropona li jagħmel *face painting* u *balloon modeling*.

35. Fi tmiem is-seduta Nicholas Briffa dwar il-proġett tal-Mentna qal li kienu eżawriti l-fondi kollha li kien hemm disponibbli mingħajr ma kienu estiżi l-bankini kollha bil-porfido li kienu

proposti aktar tard. Noel Galea qal li ma jaqbilx ma' Nicholas Briffa dwar il-proġett li irnexxielu jwettaq il-KLM, u issa li għandna l-kontijiet kollha pendenti kif elenkati fil-PAS numru 453, id-djar f'din iż-żona żdidilhom il-valur u dan il-proġett sebbaħ l-*area* kollha anke minħabba l-materjal rikk li ntuża.

36. Dwar it-tiswijiet neċessarji fi Triq tas-Sejba, is-sindku qal li mill-informazzjoni li għandu, din l-offerta pubblika ta' *Transport Malta* issa qiegħda fl-istadju tal-evalwazzjoni.

37. Il-laqgħa intemmet fid-9:10pm u se ssir dik li jmiss nhar it-8 ta' Jannar, 2013.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*08/ 01/ 2013 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |